IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.11.2020
COM(2020) 699 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE

Werrej

1. **Introduzzjoni** 2

2. Id-Direttiva 4

3. Il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni nnotifikati mill-Istati Membri u s-sejbiet preliminari tal-valutazzjoni tagħhom 8

4. Studju tal-fattibbiltà dwar il-pjattaforma elettronika ta' informazzjoni dwar il-vetturi……11

5. Sommarju – konklużjonijiet……13

1. INTRODUZZJONI

1.1.Sfond

L-ispezzjonijiet tal-vetturi huma fundamentali għas-sikurezza fit-toroq u sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi. Ir-regoli tal-UE li jistabbilixxu standards minimi għall-kontrolli tal-vetturi jmorru lura għall-1977, b'aġġornamenti żgħar biss. Madankollu, il-vetturi, l-imġiba tas-sewwieqa u t-teknoloġija żviluppaw ħafna minn dak iż-żmien 'l hawn. L-ewwel tibdil sostanzjali fil-qafas tal-ispezzjonijiet tal-affidabbiltà stradali ġie introdott bl-adozzjoni tal-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali[1] fl-2014. Dan kellu tliet partijiet, it-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali, l-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq ta' vetturi kummerċjali, u d-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vetturi.

Il-proposta tal-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali fl-2012 ġiet xprunata mill-orjentazzjonijiet ta' politika tal-2010 tal-Kummissjoni dwar is-sikurezza fit-toroq[2]. Taħt l-"*Objettiv nru 4: Vetturi aktar sikuri*" tal-orjentazzjonijiet ta' politika, il-Kummissjoni ddefiniet l-azzjoni sabiex "*[t]agħmel proposti bil-ħsieb li jkun hemm armonizzazzjoni u tisħiħ progressiv tat-testijiet tekniċi perjodiċi (testijiet tal-VRT) u l-ispezzjonijiet tekniċi fit-triq*" .

Id-Direttiva 2014/45/UE[3] dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") bdiet tapplika mill-20 ta' Mejju 2018 u introduċiet novitajiet sostanzjali meta mqabbla mad-Direttiva 2009/40/KE[4].

In-novitajiet jinkludu:

- It-titjib tal-kwalità tat-testijiet tal-vetturi billi jiġu stabbiliti standards minimi komuni għat-tagħmir, għat-taħriġ tal-ispetturi u għall-valutazzjoni tan-nuqqasijiet.
- Il-komponenti elettroniċi ta' sigurtà (bħall-ABS, l-ESC u l-boroż tal-arja) saru soġġetti għal testijiet obbligatorji.
- L-ewwel miżuri Ewropej għall-ġlieda kontra l-frodi fl-odometru.
- Ittestjar obbligatorju fl-UE kollha għal muturi tqal sakemm Stat Membru ma jiksibx titjib ekwivalenti fis-sikurezza fit-toroq permezz ta' miżuri oħra.
- Ittestjar obbligatorju fl-UE kollha ta' tratturi b'veloċità għolja użati għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq.
- Ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali matul il-proċedura ta' reġistrazzjoni mill-ġdid, fejn il-frekwenza tal-ittestjar tkun l-istess fl-Istat Membru tal-oriġini u fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

1.2. L-iskop u l-ambitu ta' dan ir-rapport

[1] https://ec.europa.eu/transport/road_safety/events-archive/2014_04_30_rwp_mt

[2] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020*, KUMM(2010) 389 finali.

[3] Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE, *ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51–128*

[4] Id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq, *ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12–28*

Skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport sat-30 ta' April 2020 u, skont l-Artikolu 20(2), rapport sat-30 ta' April 2019. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ u jiddispjaċiha ħafna għas-sottomissjoni tard ta' dawn ir-rapporti.

Ir-rapport skont l-Artikolu 20(1) għandu

- jipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-effetti tad-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' armonizzazzjoni tat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali, tal-effettività tad-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, tal-frekwenza tal-ittestjar, u tar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali f'każijiet ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vetturi li joriġinaw minn Stat Membru ieħor;
- ikopri r-riżultati tal-eżami rigward il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' pjattaforma elettronika ta' informazzjoni dwar il-vetturi[5];
- janalizza jekk hemmx bżonn li jiġu aġġornati l-Annessi, b'mod partikolari fid-dawl tal-progress u tal-prattiki tekniċi.

Ir-rapport għandu jiġi kkonsultat mill-kumitat rispettiv u għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi, jekk ikun xieraq.

Ir-rapport skont l-Artikolu 20(2) għandu

- jipprovdi informazzjoni dwar l-effettività tal-inklużjoni ta' trejlers ħfief u ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, abbażi ta' studji indipendenti;
- jivvaluta l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni u, għal kull sottokategorija tal-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti, iqabbel ir-riżultati tal-miżuri nazzjonali għas-sigurtà fit-toroq, filwaqt li jqis id-distanza medja li jkunu vvjaġġaw dawk il-vetturi;
- jivvaluta l-istandards u l-kostijiet tal-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali ta' kull kategorija ta' vetturi sabiex jiġi żgurat li jkunu proporzjonati għall-objettivi stabbiliti dwar is-sikurezza fit-toroq;
- ikun akkumpanjat minn valutazzjoni dettaljata tal-impatt li tanalizza l-kostijiet u l-benefiċċji fl-Unjoni kollha, inklużi l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri.

Kif imsemmi aktar 'il fuq, id-Direttiva bdiet tapplika mill-20 ta' Mejju 2018. Sabiex tiġi ġġenerata *data* bl-għan li jinħarġu konklużjonijiet sinifikattivi, bħala medja huwa meħtieġ perjodu ta' applikazzjoni mhux interrott ta' tliet snin. Għalhekk il-ġbir tad-*data* li jippermetti li jinħarġu konklużjonijiet dwar l-effetti tad-Direttiva ma jistax jibda qabel it-tieni nofs tal-2021.

F'dan ir-rigward, dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri fuq il-bażi tas-sejbiet preliminari tal-kontroll tat-traspożizzjoni kif ukoll tar-riżultati tal-istudju tal-fattibbiltà fuq il-pjattaforma elettronika ta' informazzjoni dwar il-vetturi[6].

Madankollu, fir-rigward tal-inklużjoni ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti, ta' min jinnota li l-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali mhux se jibda qabel l-1 ta' Jannar 2022, li jfisser li

[5] kif imsemmija fl-Artikolu 16
[6] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/9d809050-2e78-40a4-be65-16ce40a8e8b8

ma jkunux jistgħu jinħarġu konklużjonijiet sinifikattivi qabel l-2025. Fir-rigward tal-effettività tal-inklużjoni tat-trejlers ħfief, ta' min jinnota li t-trejlers ħfief għadhom ma ġewx inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u għalhekk l-effetti tal-inklużjoni tagħhom ma jistgħux jiġu analizzati.

Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li għall-kuntrarju ta' dak li kien propost inizjalment mill-Kummissjoni, it-trejlers ħfief fl-aħħar mill-aħħar ma kinux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri introduċew din il-kategorija addizzjonali ta' vetturi fir-reġim tal-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali. Madankollu, kif imsemmi aktar 'il fuq, sabiex ikunu jistgħu jinħarġu konklużjonijiet sinifikattivi, bħala medja huwa meħtieġ perjodu ta' applikazzjoni mhux interrott ta' tliet snin.

2. ID-DIRETTIVA

2.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u r-responsabbiltajiet

Id-Direttiva żammet il-prinċipju tad-Direttiva 2009/40/KE li t-testijiet tal-affidabbiltà stradali għandhom jitwettqu mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Id-Direttiva żammet ukoll l-ittestjar obbligatorju kemm għas-sikurezza kif ukoll għall-prestazzjoni ambjentali għall-vetturi kollha li diġà ġew ittestjati regolarment skont id-Direttiva 2009/40/KE, jiġifieri għal karozzi tal-passiġġieri, għal vetturi ħfief u tqal li jġorru persuni jew merkanzija kif ukoll għal trejlers tqal.

Madankollu hemm żewġ gruppi ġodda ta' vetturi:

- l-ittestjar ta' tratturi b'veloċità massima skont id-disinn ta' aktar minn 40 km/siegħa (tratturi veloċi), jekk jintużaw prinċipalment f'toroq pubbliċi għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq, u
- l-ittestjar ta' xi vetturi b'żewġ jew bi tliet roti b'ċilindrata ta' aktar minn 125 cm^3 mill-1 ta' Jannar 2022.

F'xi każijiet id-Direttiva tipprovdi lill-Istati Membri l-għażla li jeskludu ċerti vetturi reġistrati fit-territorju tagħhom mir-reġim ta' ttestjar, bħal vetturi ta' interess storiku, vetturi koperti minn immunità diplomatika jew vetturi użati esklussivament fuq gżejjer żgħar jew f'żoni skarsament popolati.

Fil-każ tal-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti li għadhom kif ġew miżjuda, id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskluduhom mill-ittestjar tal-affidabbiltà stradali, jekk ikunu implimentaw miżuri alternattivi għas-sikurezza fit-toroq, filwaqt li jqisu b'mod partikolari l-istatistiki rilevanti dwar is-sikurezza fit-toroq li jkopru tal-anqas ħames snin.

L-Istati Membri jridu jinnotifikaw l-eżenzjonijiet lill-Kummissjoni.

2.2 Il-frekwenza tat-testijiet; Il-kontenut u l-metodi tat-testijiet

Ma kien hemm l-ebda tibdil f'kemm-il darba jkollhom bżonn jiġu ttestjati l-vetturi li diġà jkunu ġew ittestjati skont id-Direttiva 2009/40/KE. Id-Direttiva żammet ukoll il-frekwenza tat-testijiet flessibbli, u din tippermetti lill-Istati Membri japplikaw perjodi iqsar bejn żewġ spezzjonijiet.

Element ġdid huwa relatat mal-kategoriji ta' vetturi li għadhom kif ġew miżjuda mar-reġim ta' ttestjar. It-tratturi veloċi jridu jiġu ttestjati l-ewwel darba erba' snin wara l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom u mbagħad kull sentejn.

Il-frekwenza tal-ittestjar għall-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti mhijiex iddefinita mid-Direttiva iżda titħalla f'idejn l-Istati Membri, l-istess bħall-oqsma li għandhom jiġu ttestjati u l-kontenut u l-metodi ta' ttestjar.

Għall-kategoriji l-oħra kollha ta' vetturi, ir-rekwiżiti minimi armonizzati huma stabbiliti fid-dettall fl-Anness I tad-Direttiva. Dan jiddefinixxi l-oġġetti li għandhom jiġu ttestjati, il-kontenut, il-metodi, ir-raġunijiet għal nuqqas ta' suċċess u l-klassifikazzjoni tagħhom.

Id-Direttiva introduċiet soluzzjoni jekk il-vettura jkollha bżonn spezzjoni qabel id-data ta' skadenza tat-test perjodiku li jmiss. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-vettura tgħaddi minn spezzjoni, pereżempju, wara aċċident, jekk xi sistemi tal-vettura jkunu ġew alterati jew jistgħu jikkontrollaw il-vettura b'mod aktar frekwenti meta l-vettura tkun laħqet il-160 000 km.

2.3 Valutazzjoni tan-nuqqasijiet

Fl-2010, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni[7] sabiex tipprovdi gwida lill-ispetturi u sabiex tiżgura l-valutazzjoni armonizzata tad-difetti elenkati fl-Anness II għad-Direttiva 2009/40/KE. Ir-rakkomandazzjoni introduċiet tliet kategoriji ta' difetti (minuri, maġġuri u perikolużi) u ddefiniet il-kategorija għal kull difett bħala gwida.

Abbażi tar-rakkomandazzjoni, id-Direttiva introduċiet il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet bħala miżura armonizzata. Skont is-severità tagħhom, id-difetti jistgħu jkunu minuri, maġġuri jew perikolużi u jirreferu għas-sikurezza jew għall-prestazzjoni ambjentali tal-vettura. Meta jinstabu diversi difetti, li jaqgħu f'kategoriji ta' severità differenti, waqt test tal-affidabbiltà stradali, il-vettura trid tiġi kklassifikata skont l-aktar nuqqas serju. Barra minn hekk, jekk vettura turi diversi difetti fl-istess żona ta' spezzjoni (bħall-ibbrejkjar jew l-istering), din tkun tista' tiġi kklassifikata fil-grupp ta' nuqqasijiet l-aktar serji li jmiss jekk l-effetti kkombinati tad-difetti jirriżultaw f'riskju ogħla għas-sikurezza fit-triq.

2.4 Is-segwitu għan-nuqqasijiet

Waħda mill-aktar novitajiet importanti tad-Direttiva kienet l-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' segwitu skont is-severità tad-difett(i) identifikat(i) waqt test perjodiku tal-affidabbiltà stradali.

F'każ li l-vettura jkollha biss difetti minuri, dawn iridu jiġu rrettifikati iżda l-vettura tgħaddi mit-test tal-affidabbiltà stradali u ma tiġix ittestjata mill-ġdid wara t-tiswija.

Jekk ikun(u) instab(u) difett(i) maġġuri jew perikoluż(i), il-vettura ma tgħaddix mit-test tal-affidabbiltà stradali u jkollha tiġi sottomessa għal test ġdid ladarba d-difett(i) jitranġa(w). F'każ ta' nuqqasijiet maġġuri, il-vettura trid tiġi ttestjata mill-ġdid mhux aktar tard minn xahrejn wara t-test inizjali u l-vettura tista' tintuża matul dan il-perjodu. Madankollu, f'każ ta' nuqqasijiet perikolużi, l-awtoritajiet jistgħu jissospendu r-reġistrazzjoni tal-vettura billi jipprojbixxu l-użu tal-vettura fit-triq sakemm id-difetti jiġu rrettifikati u jinħareġ ċertifikat tal-affidabbiltà stradali.

2.5 Iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali u l-prova tat-test; Il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri

[7] Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittestjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (2010/378/UE)

Mill-31 ta' Diċembru 2013, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/48/UE[8] introduċiet iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali b'kontenut minimu armonizzat.

Waħda min-novitajiet miżjuda mid-Direttiva hija li l-elementi obbligatorji kollha issa jridu jkunu ppreċeduti minn kodiċi armonizzat tal-Unjoni, li jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-fehim tal-aktar informazzjoni rilevanti li tidher fid-dokument li altrimenti ma jkunx armonizzat.

Filwaqt li tibni fuq l-elementi armonizzati taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali, waħda mill-aktar novitajiet importanti tad-Direttiva hija r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali għall-fini tar-reġistrazzjoni mill-ġdid. B'dan, id-Direttiva waqqfet l-ittestjar sistematiku tal-vetturi qabel ir-reġistrazzjoni mill-ġdid irrispettivament minn jekk ikollhomx ċertifikat validu tal-affidabbiltà stradali. L-uniku limitu għar-rikonoxximent reċiproku huwa li, fil-mument tar-reġistrazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jrid ikun validu f'termini tal-intervalli tal-frekwenza stabbiliti għat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni mill-ġdid. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk karozza tal-passiġġieri tkun ġiet importata minn Stat Membru bi frekwenza ta' ttestjar ta' 4-2-2 u tiġi rreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru bi frekwenza ta' ttestjar ta' 3-1-1.

Miżura importanti oħra tad-Direttiva hija li, fejn l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ikollu dubji dwar il-validità taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali, dan ikun jista' jivverifika l-validità tiegħu qabel ma jirrikonoxxih. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jużaw il-punti ta' kuntatt nazzjonali maħtura u nnotifikati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni fasslet lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali notifikati, taġġornaha abbażi tan-notifiki sussegwenti u tqassamha b'mod regolari lill-Istati Membri.

L-Istati Membri kienu obbligati jikkomunikaw lill-Kummissjoni deskrizzjoni taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali qabel l-20 ta' Mejju 2018.

Id-Direttiva introduċiet miżuri sinifikanti li jikkonċernaw il-komunikazzjoni bejn iċ-ċentri ta' ttestjar u l-awtoritajiet kompetenti. Iċ-ċentri ta' ttestjar iridu jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali b'mod elettroniku u fi żmien raġonevoli wara li jkunu ħarġu ċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali. Madankollu, bl-għan li jkollhom biżżejjed żmien sabiex iwettqu l-iżviluppi meħtieġa, l-Istati Membri għandhom sal-20 ta' Mejju 2021 sabiex jiżguraw li l-komunikazzjoni elettronika tkun lesta u taħdem. Fl-aħħar nett, sabiex jorbtu l-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali mar-reġistru elettroniku tal-vetturi introdott mid-Direttiva 2014/46/UE[9], l-Istati Membri jridu jinnotifikaw ir-riżultati tat-test tal-affidabbiltà stradali lill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

2.6 Frodi fl-odometru

Id-Direttiva hija l-ewwel leġiżlazzjoni Ewropea li introduċiet miżuri armonizzati għall-ġlieda kontra l-frodi fl-odometru. Din tindirizza l-frodi fl-odometru mill-perspettiva tal-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali billi tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li d-*data* tal-odometru rreġistrata fil-kontroll tekniku preċedenti ta' vettura tkun disponibbli għall-ispettur

[8]Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/48/UE tal-5 ta' Lulju 2010 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq; *ĠU L 173; 8.7.2010; p. 47*

[9] Id-Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, *ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129*- 133

li jagħmel l-ispezzjoni segwenti. L-informazzjoni jeħtieġ li tkun disponibbli elettronikament mill-aktar fis possibbli.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jintroduċu penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji għall-każijiet li fihom jinstab tbagħbis fl-odometru.

2.7 Iċ-ċentri ta' ttestjar, il-faċilitajiet u t-tagħmir ta' ttestjar, is-superviżjoni taċ-ċentri ta' ttestjar, l-ispetturi

Id-Direttiva introduċiet numru ta' rekwiżiti armonizzati għaċ-ċentri ta' ttestjar.

- Iċ-ċentri ta' ttestjar iridu jiġu awtorizzati minn Stat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu.
- L-Anness III jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi minimi għall-faċilitajiet u għat-tagħmir ta' ttestjar u l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw il-konformità.
- L-Istati Membri għandhom sal-20 ta' Mejju 2023 sabiex jiżguraw li ċ-ċentri ta' ttestjar kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi minimi.

Sabiex jiżguraw li ċ-ċentri ta' ttestjar jikkonformaw kontinwament mar-rekwiżiti, l-Istati Membri jridu jiżguraw li dawn ikunu ssorveljati. Sal-1 ta' Jannar 2023, il-korpi superviżorji jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti u jwettqu l-kompiti stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva bħal,

- ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-korp superviżorju;
- il-kontenuti tar-regoli u tal-proċeduri;
- il-verifika tat-taħriġ u l-eżami tal-ispetturi;
- il-kontroll ta' jekk ġewx issodsfati r-rekwiżiti minimi għall-bini u għat-tagħmir tat-testijiet;
- il-validazzjoni tar-riżultati tal-kejl tat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali;
- il-proposta tal-irtirar jew tas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni taċ-ċentri ta' ttestjar u/jew tal-ispetturi;

Rekwiżit importanti li għadu kif ġie introdott huwa li r-riżultati ta' test tal-affidabbiltà stradali jistgħu jiġu mmodifikati biss jekk is-sejbiet ikunu manifestament żbaljati. Il-modifika trid tkun konformi mal-proċedura stabbilita mill-awtorità kompetenti jew imwettqa mill-korp superviżorju.

Sabiex jiġi żgurat li l-ispetturi li jwettqu t-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali jkollhom ċertu livell ta' għarfien u ta' ħiliet u li jirċievu taħriġ regolari, id-Direttiva introduċiet numru ta' miżuri. Fl-Anness IV tagħha, id-Direttiva tistabbilixxi l-kompetenzi u esperjenza minimi armonizzati, li huma l-prerekwiżit sabiex spettur jirċievi l-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, l-Anness IV jistabbilixxi wkoll il-kontenut minimu tat-taħriġ inizjali u ta' aġġornament li jridu jsegwu l-ispetturi. Huma biss l-ispetturi li kienu impjegati jew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru ta' ttestjar fl-20 ta' Mejju 2018 li huma eżentati mir-rekwiżiti ddefiniti ġodda.

L-ispetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u ta' taħriġ iridu jirċievu ċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti jew miċ-ċentri ta' taħriġ approvati. L-Anness IV jiddefinixxi wkoll il-kontenut minimu taċ-ċertifikat li jrid jinħareġ.

2.8 Il-pjattaforma elettronika ta' informazzjoni dwar il-vetturi

Id-Direttiva stabbilixxiet li l-Kummissjoni għandha twettaq studju tal-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika ta' informazzjoni dwar il-vetturi. Ir-rekwiżiti li għandhom jitqiesu matul it-twettiq tal-istudju kienu,

- Li jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet internazzjonali eżistenti u diġà implimentati ta' skambju tad-*data*;
- li jiġi kkunsidrat l-aktar mod xieraq kif jingħaqdu s-sistemi nazzjonali eżistenti sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-*data* dwar l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali u l-qari tal-odometru bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, għar-reġistrazzjoni u għall-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri ta' ttestjar, il-manifatturi tat-tagħmir ta' ttestjar u l-manifatturi tal-vetturi;

Barra minn hekk, id-Direttiva kienet teħtieġ li l-Kummissjoni twettaq studju ta' fattibbiltà dwar

- kif tista' tinħażen u tinġabar l-informazzjoni disponibbli dwar il-komponenti ewlenin relatati mas-sikurezza tal-vetturi li jkunu involuti f'inċidenti serji,
- kif l-informazzjoni dwar l-istorja tal-inċidenti u l-qari tal-odometru tista' ssir disponibbli f'forma anonimizzata għall-ispetturi, għad-detenturi taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni u għar-riċerkaturi dwar l-inċidenti.

3. IL-MIŻURI NAZZJONALI TA' TRASPOŻIZZJONI NNOTIFIKATI MILL-ISTATI MEMBRI U S-SEJBIET PRELIMINARI TAL-VALUTAZZJONI TAGĦHOM

3.1 Il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni nnotifikati mill-Istati Membri

L-Istati Membri kellhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri nazzjonali meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-Direttiva sal-20 ta' Mejju 2017 u, wara, jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Il-miżuri bdew japplikaw mill-20 ta' Mejju 2018.

Sal-20 ta' Mejju 2017, 6 biss mit-28 Stat Membru informaw lill-Kummissjoni li t-traspożizzjoni tad-Direttiva kienet tlestiet. F'konformità mar-regoli proċedurali, il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' ksur sabiex tesiġi lit-22 Stat Membru l-ieħor jadottaw il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni meħtieġa. Il-ftuħ tal-proċeduri ta' ksur kienet il-bażi ta' skambji intensivi mal-Istati Membri u fil-maġġoranza tal-każijiet wassal għan-notifika tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni neqsin. Hemm żewġ Stati Membri, in-Netherlands u l-Polonja, li ddikjaraw li t-traspożizzjoni tad-Direttiva hija biss parzjali. Bħalissa għaddejjin l-azzjonijiet meħtieġa, sabiex dawn l-Istati Membri jkunu mġiegħla jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jiżguraw it-traspożizzjoni tad-Direttiva.

3.2 Is-sejbiet preliminari

Sabiex tikseb valutazzjoni preliminari tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni dwar il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tad-Direttiva, il-Kummissjoni qabbdet kuntrattur estern. Is-sejbiet tal-kuntrattur qed jiġu analizzati aktar mill-Kummissjoni, u x-xogħol huwa mistenni jiġi ffinalizzat fix-xhur li ġejjin.

3.2.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u r-responsabbiltajiet

Skont l-analiżi preliminari tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni, l-inklużjoni ta' tratturi veloċi u ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti kienet impenjattiva għal xi Stati Membri, filwaqt li kwistjonijiet minuri biss setgħu jiġu identifikati fir-rigward tal-kategoriji ta' vetturi li diġà kienu parti mir-reġim ta' ttestjar.

Jidher li l-vetturi agrikoli ġeneralment ma jiġux irreġistrati f'xi Stati Membri[10], u dan għamel l-introduzzjoni tal-ittestjar perjodiku għal dawn il-vetturi impenjattiva.

Żewġ Stati Membri biss, l-Irlanda u n-Netherlands, innotifikaw miżuri alternattivi għas-sikurezza fit-toroq u, konsegwentement, eskludew l-ittestjar ta' vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti. Meta wieħed iqis li l-ittestjar perjodiku ta' dawn il-vetturi se jkun dovut biss mill-1 ta' Jannar 2022, ħafna Stati Membri kienu tard fl-adozzjoni u fin-notifika tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni, filwaqt li ta' min jinnota li d-data ta' applikazzjoni attwali tkun tagħti xi żmien addizzjonali għat-traspożizzjoni.

Kategoriji oħra ta' esklużjoni tad-Direttiva li l-maġġoranza tal-Istati Membri (18) għamlu użu minnhom jikkonċernaw

- vetturi li qatt jew kważi qatt ma jintużaw f'toroq pubbliċi, bħal vetturi ta' interess storiku jew vetturi tal-kompetizzjonijiet;
- vetturi użati mill-forzi armati, mis-servizzi tat-tifi tan-nar, mis-servizz tal-protezzjoni ċivili u mis-servizzi ta' emerġenza jew ta' salvataġġ.

Barra minn hekk, xi Stati Membri bbenefikaw mill-opportunità li jeskludu vetturi użati għal skopijiet agrikoli, ortikulturali, tal-forestrija, tal-biedja jew tas-sajd u vetturi użati esklussivament fi gżejjer żgħar jew żoni skarsament popolati.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri (18) introduċew kategoriji ta' vetturi addizzjonali għar-reġim ta' ttestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali, primarjament kategoriji ta' trejlers iżgħar (O1, O2), kategoriji oħra b'żewġ u bi tliet roti u vetturi agrikoli.

3.2.2 Il-frekwenza tat-testijiet; Il-kontenut u l-metodi tat-testijiet

Jidher li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żammew il-frekwenza tal-ittestjar li diġà stabbilew f'konformità mad-Direttiva 2009/40/KE, li jfisser li f'xi każijiet l-Istati Membri jkollhom frekwenzi iqsar minn dawk stabbiliti mid-Direttiva bħala rekwiżiti minimi, primarjament għall-karozzi tal-passiġġieri, bħall-Awstrija (3-2-1), il-Kroazja (1-1-1) jew il-Ġermanja (3-2-2).

L-analiżi preliminari indikat li l-Istati Membri ma kellhomx problemi bl-introduzzjoni tal-frekwenza tal-ittestjar għall-kategorija l-ġdida ta' tratturi veloċi (4-2-2).

Kif intqal aktar 'il fuq, id-Direttiva kienet teħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu l-frekwenza tal-ittestjar, l-oġġetti li għandhom jiġu ttestjati, il-metodi u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' suċċess fir-rigward tal-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti, u b'hekk tipprovdi ħafna flessibbiltà lill-Istati Membri. Xi eżempji huma l-Ġermanja, li introduċiet frekwenza ta' ttestjar ta' 2-2-2, Spanja 4-2-2, il-Kroazja 2-1-1.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni preliminari jidher li xi Stati Membri għażlu t-traspożizzjoni litterali tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-oġġetti li għandhom jiġu ttestjati, il-kontenut, il-metodi, ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' suċċess u l-klassifikazzjoni tagħhom. Madankollu, xi Stati Membri ttrasponew il-miżuri tal-Anness I f'diversi atti nazzjonali differenti li jagħmlu l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' dan l-Anness tekniku ħafna aktar diffiċli.

[10] Nota: Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Ewropea, hija kompetenza nazzjonali li tittieħed deċiżjoni dwar liema vetturi jiġu rreġistrati u,, konsegwentement, jinħarġulhom dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura u pjanċa/i tar-reġistrazzjoni.

Il-miżuri fakultattivi li jippermettu lill-Istati Membri jesiġu li l-vettura tgħaddi minn spezzjoni qabel id-data ta' skadenza tat-test perjodiku li jkun imiss (ara l-punt 2.2 aktar 'il fuq), ma ġewx introdotti fl-intier tagħhom. Jidher li ż-żewġ każijiet introdotti mill-parti l-kbira tal-Istati Membri huma:

- fejn il-vettura kienet soġġetta għal inċident u affettwat il-komponenti ewlenin tagħha relatati mas-sikurezza, bħar-roti, is-sospensjoni, iż-żoni ta' deformazzjoni, is-sistemi tal-boroż tal-arja, l-istering jew il-brejkijiet (madwar 19-il Stat Membru), u
- fejn is-sistemi u l-komponenti tas-sikurezza u ambjentali tal-vettura jkunu ġew alterati jew immodifikati (madwar 12-il Stat Membru).

Jidher li madwar 10 Stati Membri introduċew testijiet għall-każijiet l-oħra kollha fejn is-sikurezza fit-toroq tkun affettwata serjament. Madankollu, jidher li tliet Stati Membri biss beħsiebhom jesiġu li l-vettura tgħaddi minn test perjodiku fejn id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura jkun inbidel u wieħed biss ikun jixtieq jissottometti vetturi b'kilometraġġ ogħla (160 000 km) għal ittestjar aktar frekwenti.

3.2.3 Valutazzjoni tan-nuqqasijiet

Possibbilment minħabba r-rakkomandazzjoni tal-2010, il-valutazzjoni preliminari tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ma identifikatx kwistjonijiet potenzjali ta' nuqqas ta' konformità sostanzjali rigward il-kategoriji ta' difetti li issa huma obbligatorji (minuri, maġġuri u perikolużi).

Kwistjonijiet possibbli li jistgħu jeħtieġu kjarifiki fl-iskambji li ġejjin mal-Istati Membri jikkonċernaw il-każ li fih jinstabu diversi difetti, li jaqgħu f'kategoriji ta' severità differenti, waqt test tal-affidabbiltà stradali, u l-vettura jkollha tiġi kklassifikata skont l-aktar nuqqas serju.

3.2.4 Is-segwitu għan-nuqqasijiet

Il-valutazzjoni preliminari tal-miżuri nazzjonali ma qajmet l-ebda tħassib partikolari fir-rigward tal-miżuri ta' segwitu tad-difetti misjuba matul l-ispezzjoni.

3.2.5 Iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali u l-prova tat-test; Il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri

Tfaċċaw diversi problemi fir-rigward tar-rekwiżiti tad-Direttiva:

- Diversi Stati Membri ma kkomunikawx id-deskrizzjoni taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali fil-ħin minkejja diversi tfakkiriet u talbiet mibgħuta mill-Kummissjoni.
- F'ħafna każijiet, l-Istati Membri ma ndunawx li d-Direttiva introduċiet l-użu obbligatorju tal-kodiċijiet armonizzati tal-Unjoni, li kien jeħtieġ tibdiliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u dan ikkawża aktar dewmien.
- L-użu ta' kodiċijiet armonizzati tal-Unjoni ħawwad lil ħafna Stati Membri li, minflok ma użaw il-kodiċijiet tal-Anness II tad-Direttiva, introduċew kodiċijiet oħra. Fl-iskambji bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati, dawn l-iżbalji ġew iċċarati. Ir-rettifika ta' dawn l-iżbalji kienet teħtieġ emenda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li kkawżat aktar dewmien.

Fl-2016, konxja mill-obbligu relatat maċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali dovuti fl-2018, il-Kummissjoni talbet l-opinjoni tal-Kumitat dwar għodda futura possibbli tal-Kummissjoni li tkun turi ċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali, il-prova tat-testijiet u d-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vetturi. Abbażi tal-appoġġ tal-Kumitat, il-Kummissjoni nediet il-proċedura u

ħolqot l-għodda l-ġdida fejn jistgħu jiġu vverifikati l-kampjuni tar-reġistrazzjoni tal-vettura[11] u tad-dokumenti tal-tal-affidabbiltà stradali[12].

L-Istati Membri nnotifikaw lill-punti ta' kuntatt nazzjonali tagħhom sal-20 ta' Mejju 2015 u minn dakinhar bagħtu aġġornamenti regolari, kif stabbilit mid-Direttiva.

Fir-rigward tal-miżuri relatati mar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali, l-analiżi preliminari sabet li fil-maġġoranza tal-Istati Membri t-traspożizzjoni kienet sodisfaċenti u se tkun meħtieġa kjarifika ulterjuri fi ftit każijiet biss. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri użaw il-miżura fakultattiva sabiex jivverifikaw, f'każijiet ta' dubju, il-validità taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali.

Skont l-analiżi preliminari, jidher li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom fis-seħħ il-komunikazzjoni elettronika meħtieġa bejn iċ-ċentri ta' ttestjar u l-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, il-kjarifika dwar jekk il-komunikazzjoni elettronika hijiex żgurata wkoll bejn l-awtoritajiet tal-affidabbiltà stradali u l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, se tkun teħtieġ valutazzjoni u skambji possibbli ulterjuri mal-Istati Membri.

3.2.6 Frodi fl-odometru[13]

Mill-analiżi preliminari jidher li l-miżuri li jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li d-*data* dwar l-odometri rreġistrata fit-test tal-affidabbiltà stradali preċedenti titqiegħed għad-dispożizzjoni matul l-ispezzjoni li jkun imiss malajr kemm jista' jkun u b'mod elettroniku, ġew trasposti mingħajr problemi kbar.

Madankollu, fir-rigward tal-obbligu li jiġu introdotti penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji għall-każijiet li fihom jinstab tbagħbis f'odometru, jidher li l-miżuri nazzjonali f'ħafna każijiet huma pjuttost ġeneriċi, u mhumiex speċifikament immirati lejn il-frodi fl-odometru. L-analiżi aktar profonda tal-miżuri nazzjonali u tal-iskambji futuri mal-Istati Membri kkonċernati se jkollhom l-għan li jiċċaraw dawn il-punti.

3.2.7 Iċ-ċentri ta' ttestjar, il-faċilitajiet u t-tagħmir ta' ttestjar, is-superviżjoni taċ-ċentri ta' ttestjar, l-ispetturi

Skont il-valutazzjoni preliminari, jidher li ma hemm l-ebda lakuna fit-traspożizzjoni fir-rigward tar-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni taċ-ċentri ta' ttestjar u fir-rekwiżit ġenerali li tiġi żgurata s-superviżjoni taċ-ċentri ta' ttestjar. Barra minn hekk, il-miżuri ġenerali, li jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-ispetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi dwar il-kompetenza u t-taħriġ, jidhru li ġew trasposti mingħajr problemi sostanzjali.

Madankollu, jidher li l-Kummissjoni se jkollha tniedi skambji ma' diversi Stati Membri sabiex jiċċaraw il-miżuri nazzjonali li għandhom l-għan li jittrasponu l-Anness III dwar ir-rekwiżiti minimi li jikkonċernaw il-faċilitajiet tal-affidabbiltà stradali, l-Anness IV dwar il-kompetenza, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-ispetturi u l-Anness V dwar il-kompiti dettaljati tal-korp superviżorju.

2. STUDJU TAL-FATTIBBILTÀ DWAR IL-PJATTAFORMA ELETTRONIKA TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-VETTURI[14]

[11] https://ec.europa.eu/transport/road_safety/topics/vehicles/vehicle-registration-certificate_mt
[12] https://ec.europa.eu/transport/road_safety/topics/vehicles/roadworthiness-certificate_mt
[13] Bl-użu tal-appoġġ ġeneruż tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni kienet qed taħdem fuq proġett pilota li jikkonċerna l-iskambju ta' *data* dwar l-odometri mal-Istati Membri voluntiera. Il-proġett pilota jibqa' għaddej sa tmiem l-2020.

F'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva, il-Kummissjoni kkuntrattat lil Unisys sabiex twettaq l-istudju tal-fattibbiltà matul l-2014. Ir-rapport finali ġie ppubblikat f'April 2015.

L-istudju identifika tliet argumenti għall-vijabbiltà jew flussi ta' *data* teknika:

1. Stati Membri -> Kummissjoni: sabiex l-Istati Membri jippreżentaw l-istatistiki biannwali nazzjonali tagħhom dwar l-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq
2. Ċentri ta' ttestjar/Stati Membri, manifatturi tat-tagħmir ta' ttestjar <-> manifatturi tal-vetturi: għall-għoti tal-informazzjoni teknika speċifika dwar il-vettura li tkun meħtieġa sabiex jitwettqu t-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali
3. Stat Membru -> Stat Membru: għall-proċedura ta' notifika wara spezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq, għall-proċedura ta' reġistrazzjoni u għall-ispezzjoni teknika perjodika

L-istudju kkonkluda li sabiex jiġi mmassimizzat l-użu mill-ġdid tas-sistemi eżistenti u filwaqt li titqies il-kosteffettività, ikun aktar ta' benefiċċju jekk għal kull skop tintuża sistema separata minflok ma tiġi żviluppata sistema ġenerali waħda. Barra minn hekk, indipendentement mill-fluss ta' *data* dwar il-vetturi, format u istruttura komuni tad-*data* huma prerekwiżit għall-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Informazzjoni dwar il-Vetturi (VIP). Din se tkun ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati kollha billi tiffaċilita l-iskambji ta' *data* u żżid il-kwalità tad-*data* fil-livelli kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi.

Għalhekk, jekk jistgħu jiġu żgurati ċerti kundizzjonijiet għall-protezzjoni tad-*data*, għall-kooperazzjoni amministrattiva, għall-ostakli legali u għall-governanza, l-implimentazzjoni ta' Pjattaforma ta' Informazzjoni dwar il-Vetturi tista' tkun fattibbli billi jiġu estiżi s-sistemi eżistenti. Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu ssodisfati, l-istudju sab li l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida tkun possibbli iżda tkun tiswa' aktar flus u tieħu aktar żmien.

5. SOMMARJU – KONKLUŻJONIJIET

Il-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali adottat fl-2014 introduċa numru ta' novitajiet fil-qasam tal-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali, tal-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq tal-vetturi kummerċjali u tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vetturi, filwaqt li fl-istess ħin żamm fis-seħħ il-maġġoranza tar-rekwiżiti eżistenti u funzjonali.

Bl-eċċezzjoni ta' tnejn, l-Istati Membri lestew b'suċċess it-traspożizzjoni tal-miżuri tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Fir-rigward tal-konformità tal-miżuri nazzjonali ma' dawk tad-Direttiva, il-valutazzjoni preliminari tindika li t-traspożizzjoni tidher li hija ġeneralment sodisfaċenti fil-maġġoranza tal-Istati Membri, iżda f'xi każijiet il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tniedi skambji mal-Istati Membri kkonċernati sabiex jiġu ċċarati kwistjonijiet potenzjali ta' nuqqas ta' konformità.

Fir-rigward tal-effetti tad-Direttiva fuq id-diversi aspetti tal-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali, jistgħu jinħarġu konklużjonijiet sinifikattivi bbażati biss fuq id-*data* ġġenerata wara perjodu ta' applikazzjoni mhux interrott ta' tliet snin. Madankollu, il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u se tagħti segwitu b'evalwazzjoni *ex post* meta jasal iż-żmien.

[14] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/9d809050-2e78-40a4-be65-16ce40a8e8b8/language-en/format-PDF/source-120996274